MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2011

Numru. 528/2009

Il-Pulizija
(Sp Priscilla Caruana)
vs
Emanuel Galea, iben Carmel, imwieled Attard fis-26 ta' Ġunju, 1973, Karta ta' l-Identita numru 293473(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-26 ta' Mejju, 2009 għal ħabta tal-11.30 p.m. ġewwa Triq taz-Zibra, Birżebbuġia b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni tiegħu, jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġuna offiżi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Christine Ann Philips, skont kif iċċertifika Dr. Paul Zammit M.D. mill-Isptar Mater Dei. F'każ ta' ħtija, il-prosekuzzjoni tablet lill-Qorti li l-imputat jiġi skwalifkat mill-liċenzji kollha tiegħu tas-sewqan għal żmien li jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputat bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni, l-avukat tal-parte ċivile u lill-avukat ta' l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-26 ta' Mejju, 2009 l-imputat li ħadem 'part time' bħala xufier tat-taxi ġabar koppja ngliza mill-airport u kellu joħodhom is-Seabreeze Hotel, Birżebbuġia. Il-vjaġġ lejn il-luknda kien mingħajr ebda problemi u meta wasal il-lukanda ra li l-lukanda kienet fid-dlam. Hu nieżel mit-taxi u ntebaħ li ma kienx wasal quddiem il-bieb. Għalhekk, hu reġa tela fuq it-taxi u beda miexi bir-reverse meta daqq l-alarm tal-bieb, ħares lura u ra l-mara mal-art.

Illi Christine Anne Philips spiċċat mal-art għaliex hi kienet nieżlet mit-taxi meta l-imputat saq b'lura. Konsegwenza ta' dan l-inċident l-persuna hawn fuq imsemmija ġiet rikoverata għal tlett tijiem l-isptar billi kienet kisret il-polz tal-id il-leminija. Hi sofriet ferita gravi 'per durata'.

Illi mix-xhieda tal-midruba jirrizulta li Christine Ann Philips kienet bil-qegħda fit-taxi iżda mhux wara x-xufier. Hi rat li x-xufier nieżel mit-taxi. Ħaseb li kienu waslu u għalhekk nieżlet mill-karozza għaliex it-taxi kien wieqaf. Fetħet il-bieba u kif nieżlet it-taxi beda jirriversja u billi l-bieba kienet miftuħa hi spiċċat mal-art. Din ix-xhieda ġiet korroborata minn żewġha Robert Thomas Philips u iddeskriva l-inċident bħala wieħed li ġara f'ħakka ta' għajn.

Illi mix-xhieda ta' l-imputat jirrizulta li hu ma kienx jaf fejn kienet il-lukanda u ma waqafx ezattament quddiem il-bieb ta' l-istess. Għalhekk, hu nieżel u kif induna fejn kien il-bieb reġa daħal fit-taxi u irriversja. Kif daqq l-alarm hu

waqaf iżda sab lill-mara mal-art.  Hu għin kif seta' lill-koppja.

Illi mill-provi prodoti jirrizulta ċar li l-imputat meta reġa daħal fit-taxi u beda l-manuvra biex jirriversja ma tax każ jekk il-passiġieri kienux fit-taxi jew nieżlu.  Hu beda din il-manuvra ħesrem u fil-każ tiegħu l-grad ta' attenzjoni rikjest fis-sewqan hu ferm ikbar billi hu responsabbli tal-inkolumita' tan-nies li hu qed jieħu minn post għal ieħor.  Jirrizulta ċar li hu kien traskurat fis-sewqan tiegħu u kellu d-dover li jara li meta jibda jsuq ma jkun hemm ebda perikolu kemm għall-passiġġieri kif ukoll għal xi persuna jew persuni oħra li jkunu wara l-vettura tiegħu.  Dan jirrizulta aktar hu aktar meta l-midruba ma kienitx bil-qegħda warajh u għalhekk l-imputat lanqas ħares lura biex jara li l-manuvra tiegħu ma kienet ser tkun ta' ebda perikolu għal passiġġieri tiegħu.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati ta' sewqan traskurat u li ikkawża ferita ta' natura gravi 'per durata' fuq il-persuna ta' Christine Ann Philips.  Rat l-artikolu 216(1)(d) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' elf euro (€1,000) u minbarra dan tissospendilu l-liċenzji kollha tas-sewqan għal perjodu ta' tletin ġurnata (30) li jibda jiddekorri mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------